# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR. SILVIO MELI**
**LL.D.; Dip.Stud.Rel.; Dip.Can.Matr. Jur. & Proc.;**
**Cert.Jur. & H.R. (Strasbourg);**
**P.G. Dip. European Competition Law (King's College, London),**
**P.G. Dip. European Law (King's College, London).**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha 28 ta' Settembru tas-sena 2001.**

**Numru 41**

**Avviz numru 362/00/SM**

**Lloyds (Malta) Limited fil-kwalita taghha ta' rapprezentanti ex lege u ghalhekk ghan-nom tal-membri ta'Lloyds illi jgibu n-numru 980 u 218 u li joperaw that l-isem Ensign Motor Policies at Lloyds u Laferla Insurance Agency Limited bhala rapprezentanti lokali ta' l-istess ditti ossija sindikati, liema sindikati qieghdin jagixxi kif jinsabu ssurrogati fid-drittijiet tal-assikurat taghha Carmel Mejlaq.**

**vs**

**Marvin Gauci**

**Il-Qorti,**

**Rat l-avviz fuq indikat datat id-29 ta' Marzu tas-sena 2000 li permezz tieghu l-atturi sejhu lill-konvenut quddiem din il-qorti sabiex jghid ghaliex m'ghandux jigi:**

1. **Iddikjarat unikament responsabbli ghall-incident awtomobilistiku illi sehh fil-21 ta' Settembru 1999 gewwa l-Mellieha bejn il-vettura tal-marka Nissan Sunny propjeta' tal-assikurata, bin-numru ta' registrazzjoni EAQ 531 u koperta mill-atturi taht il-polza ta' assikurazzjoni numru 050228-31/05, mahruga fl-1 ta' Gunju, 1999 u il-vettura tal-marka Morris Marina propjeta' tal-konvenut bin-numru ta' registrazzjoni HAJ-684 u ghad-danni konsegwenzjali sofferti mill-attrici;**

2. **Likwidat dawn id-danni residwali fis-somma globali ta' erba' mija u disa' u ghoxrin Liri Maltin u hamsin centezmi (LM429.50) jew somma verjuri illi tigi likwidata minn dina l-Onorabbli Qorti bl-opera ta' periti u esperti nominandi;**

3. **Ikkundannat ihallas l-atturi Llyods (Malta) Limited u Laferla Insurance Agency Limited u lill-imsemmi attur Carmel Mejlak is-somma ta' erba' mija u erba' Liri Maltin u hamsin centezmi (LM404.50,0) u s-somma ta' hamsa u ghoxrin Liri Maltin (LM25.00,0), rispettivament jew sommom verjuri illi jigu hekk likwidati minn dan l-Qorti in linea ta' danni;**

4. **Bl-ispejjez, komprizi dawk tal-konsult (LM10) u tal-ittra bonarja tat-13 ta' Jannar 2000, u bl-imghax legali mill-21 ta' Settembru, 1999, jew data ohra stabilita appozitament minn dina l-Onorabbli Qorti sad-data tal-pagament effettiv;**

5. **Il-konvenut ingunt ghas-subizzjoni;**

**Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet datata d-29 ta' Mejju tas-sena 2000 li permezz taghha eccepixxa s-segwenti:**

1. **Illi l-eccipjenti ma kienx involut f'ebda incident tat-traffiku fil-21 ta' Settembru 1999 gewwa l-Mellieha mal-vettura Nissan Sunny numru EAQ 531 proprjeta' ta' l-attur, Carmel Mejlaq;**

2. **Illi billi l-eccipjenti ma' kienx involut f'ebda incident, l-ebda ammont ma huwa dovut minnhu lill-atturi in linea ta' danni, u kwindi t-talbiet taghhom ghandhom jigu respinti bl-ispejjes;**

3. **Salve eccezzjonijiet ohra;**

**Semghet ix-xhieda prodotta;**

**Rat id-dokumenti esebiti;**

**Semghet lir-rapprezentant ta' l-atturi oralment;**

**Ikkonsidrat:**

**Illi l-fatti li taw lok ghall-procedura odjerna jistghu jigu sintetikament kompilati bil-mod segwenti:**

1. **Illi l-incident meritu ta' din il-procedura sehh fil-21 ta' Settembru ta' l-1999 meta l-attur Carmel Mejlaq kien sab il-karozza tieghu mghawga l-gewwa minn wara meta kien halliha pparkjata intatta;**

2. **Illi konsegwentement mar l-ghassa tal-Mellieha jirrapporta l-incident u informa lill-pulizija li kellu suspett li l-konvenut kien responsabbli ghall-akkadut ghaliex kien ra l-karozza tieghu pparkjata warajh;**

3. **Illi l-pulizija kien talab lill-konvenut imur l-ghassa bl-vettura tieghu biex jivverifika jekk kellhiex xi hsarat izda dawn ma ikkombacawx;**

4. **Illi l-konvenut jichad li laqat il-karozza tal-attur Mejlaq;**

**Ikkonsidrat:**

**Illi l-fatti riskontrati ma jwasslux biex din il-qorti tkun sodisfatta li l-allegazzjoni attrici jkunu ppruvati skond il-ligi;**

**Ghaldaqstant, tirrespingi t-talbiet attrici, bl-ispejjez.**

**John Farrugia**
**Deputat Registratur**